**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sezzjoni Familja)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**<u>DEGRIET KAMERALI</u>**

**F'l-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta'**
**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 11/2024DC**
**f'l-ismijiet**

***Richard Formosa (KI numru 562476M)***

***vs***

***Catherine Formosa (KI numru 0460684M)***

Illum, 19 ta' Frar 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżentat fit-18 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi r-rikorrent talab lil din il-Qorti żżomm lill-intimata milli:

> *Tbiegh, titraferixxi, tiddejjen jew b'xi mod iehor tiddisponi minn jew timponi xi piz jew obligazzjoni reali jew personali fuq jew bi kwalunkwe mod thaddi t-tgawdija temporanja jewxort'ohra tid disponi min, jew timponi xi piz jew obligazzjoni reali jew personal fuq, bi kwalunkwe mod tghaddi t-tgawdija temporanja jew xort ohra tinnegozja:*

(i) *sehemha mil-fond li jinsab numru disghin (90) Triq Azzopardi Marsa u dan kif dikjarat fil-causa mortis li sar minn Catherine Formosa u huha Jonathan Scicluna fit-3 ta' Frar 2021 atti Nutar Anthony Abela insinwa numru 5978/2021;*

(ii) *il-garage li jinsab fil-ground floor level cioe fil-livell tat-triq sovrapost u sottopost għal proprjeta tal-kumpanija venditrici jew s-succssuri taghha fit-titolu formanti parti minn kumpless ta'garages u liema garage huwa internament mmarkat bin-numru sebghin (70) accessibbli minn 'drive in' komuni bla numru u bla isem, li tizbokka gewwa Jesuits Hill gewwa l-Marsa konfinanti mil-lvanmt mal-imsemmija drive in u mill-irjihat l-ohra ma proprjeta tal-kumpanija venditrici jew s-successuri taghha fit-titolu u liema garage jinsab delineat bil-kulur ahmar fuq l-pjanta annessa mal-att u markata bhala Dokument x (insinwa numru 12643/2077); u*

(iii) *Sehemha indiviz mir-raba li għandha ta' Strejgu fil-limiti tar-Rabat Malta liema porzjoni diviza ta' art tifforma parti mit-territorju maghruf bhala 'Tad-Dahla' sive 'Tal-Musmar' u liema raba ghandha access minn Triq Santa Katerina gia maghrufa bhala t-Triq ta' Wied Liemu fil-kontrada ta' Santa Katerina tad-Dahla fil-limiti tar-Raba Malta. Tali proprjeta tikkonfina mil-lvant u nofsinhar ma beni ta' Carmelo Sant jew l-aventi causa u mil-majjistral mat-triq surriferita u dan kif deskritta fil-causa mortis li ghamlet l-istess intimata Catherine tFormosa u ohrajn fil-5 ta' Dicembru 2012 atti Nutar Malcolm Mangion (insinwa numru 20775/2012).*

Rat id-degriet tagħha mgħoti fit-18 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimata bi żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għat-12 ta' Frar 2024.

Rat li l-intimata, notifikata bir-rikors promotur fis-6 ta' Frar 2024, preżentat risposta fit-12 ta' Frar 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponiet it-talba ojerna.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fit-12 ta' Frar 2024 meta r-rikors tħalla għal provediment kamerali.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

## Il-Fatti

Illi mill-atti tal-mandat jirriżulta li l-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali. Jirriżulta li ġew intavolati żewġ kawżi:

(i) Richard Formosa vs Catherine Formosa (rikors ġuramenta numru 261/13AGV); u

(ii) Catherine Formosa vs Richard Formosa (rikors ġuramentat numru 264/13AGV).

Dawn iż-żewġ kawżi ġew deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2022 u sar appell mill-intimata odjerna u appell inċidentali mir-rikorrent odjern; dan fiż-żewġ kawżi. Fil-waqt li l-appelli tentati mill-intimata ġew dikjarati deżerti fil-25 ta' Settembru 2023, l-appelli inċidentali tentati mir-rikorrent odjern għadhom pendenti.

Illi skond is-sentenzi mgħotija fid-19 ta' Ottubru 2022 ġie stabbilit li ż-żewġ partijiet għandhom krediti kontra l-kommunjoni ta'l-akkwisti ġia eżistenti bejniethom. Skond ma jgħid ir-rikorrent fir-rikors promotur il-kreditu tiegħu jammonta għal €63,821.10; fir-risposta tagħha l-intimata tgħid li l-kreditu tagħha jammonta għal €25,158.35.

Illi aktar minn hekk fis-sentenzi imsemmija ġie stabbilit li l-ispejjeż tal-kawżi għandhom jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mill-intimata u kwantu għal terz mir-rikorrent. Magħdud ma' dawn l-ispejjeż, a karigu ta'l-intimata hemm l-ispejjeż taż-żewġ appell li ġew dikjarati deżerti.

Illi mill-atti tal-mandat jirriżulta ukoll li d-dar matrimonjali tal-partijiet kienet inbiegħet. Il-bilanċ mir-rikavat, wara li tħallsu xi djun relatati ma'l-akkwist ta' l-imsemmija propjeta, ġie depożitat il-Qorti; l-ammont depożitat huwa €74,000. Huwa ċar li dan l-ammont mhux suffiċjenti biex minnu jiġu saldati l-krediti tal-partijiet u jitħallas ukoll ta'l-ispejjeż tal-kawżi.

Illi mill-atti jidher ukoll li minbarra dan id-depożitu m'hemmx assi oħra' gia formanti parti mill-komunjoni ta'l-akkwisti, minn liema jistgħu jiġu sodisfatti il-krediti tar-rikorrenti.

Illi huwa f'dan ix-xenarju li r-rikorrenti preżenta r-rikors odjern.

Ikkunsidrat

## Konsiderazzjonijiet

Illi t-talba tar-rikorrent hija bażata fuq l-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt r-rikorrent jikkontendi li huwa għandu kreditu kontra l-intimata (kif fuq spjegat) u biex jikkawtela dan il-kreditu qed jitlob li l-intimata tiġi inibita milli b'xi mod tiddisponi minn propjeta parafernali tagħha.

Illi l-intimata tilqa' għal dawn it-talbiet billi tgħid li t-talba odjerna "*ma saritx quddiem il-foro appożitu u dan stante li ma ġewx osservati r-rekwiżiti preskritti mill-artikoli 874 u 1007(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta*". Hija tikkontendi li talba ai termini ta'l-artikolu 874 neċessarjament għandha ssir fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u mhux fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għaliex huma mandati mitluba ai termini ta'l-artikolu 876 tal-Kap 12 biss li jistgħu jinħarġu mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Illi fil-mertu l-intimata tilqa' għat-talba tar-rikorrenti billi, fil-waqt li tikkontendi li l-ammont pretiż huwa eċċessiv, tgħid ukoll li r-rikorrent la għandu jedd x'jiġi kkawtelat u wisq anqas ser issofri xi preġudizzju.

Ikkunsidrat

## L-Irritwalita tar-Rikors

Illi kif intqal il-mandat li qed jitlob ir-rikorrent huwa dak maħsub f'l-artikolu 874 tal-Kap 12. Ir-rikors fil-fatt ġie redatt fuq il-formola numru 25 u ċioe dik li skond l-Iskeda B[1] ta'l-istess Kap 12 għandha tintuża f'każijiet ta' *Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba teċċedi €11,646.86)*. Jirriżulta ampjament li r-rikors ġie preżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)[2].

Illi kif intqal l-intimata qed tissolleva l-irritwalita tar-rikors promotur stante li fil-fehma tagħha rikors ta' dan it-tip ma kellu qatt jiġi preżentat quddiem il-Qorti tal-Familja imma biss quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Tgħid li huma biss talbiet għall-ħruġ ta' mandati kontemplati f'l-artikolu 876 li jistgħu jiġu preżentati fil-Qorti tal-Familja. Fil-fehma tagħha la darba l-artikolu 876 jistabbilixxi li parti fiż-żwieġ li tkun għamlet jew ser tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali **tista' titlob lil dik il-Qorti**[3] biex jinħareg mandat ta' inibizzjoni skond dak l-artikolu, "*dan ifisser li fiċ-ċirkostanzi preskritti mill-artikolu 876 BISS wieħed jista' jintavola mandat ta' inibizzjoni ai termini ta' l-istess artikolu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)".*

---

[1] Moqrija flimkien ma'l-artikolu 1007 tal-Kap 12.
[2] Aktar 'l isfel imejjħa "il-Qorti tal-Familja"
[3] Sottolinear ta'l-intimata.

Illi fil-waqt li jiġi rilevat li l-qorti ċivili kompetenti biex tisma u titratta kawżi ta' separazzjoni mhiex "il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)" imma il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti tistqarr li din it-teżi ta' l-intimata hija żbaljati u m'għandha l-ebda fondament fil-Liġi.

Illi biż-żieda ta'l-artikolu 876 fil-Kapitolu 12 il-leġiżlatur ta lill-koppji miżżewwġin li jkunu qegħdin f'proċess ta' separazzjoni għodda oħra li jistgħu jirrikorru għaliha biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet fir-rigward ta'l-assi formanti parti mill-kommunjoni ta'l-akkwisti. Dan billi jiġu preżervati ishma f'soċjetajiet kummerċjali meta dawk l-isħma jkunu jappartjenu lill-kommunjoni ta'l-akkwisti u billi jiġu preżervati ukoll assi ta' xi soċjeta kummerċjali li l-maġġoranza ta'l-isħma tagħha jkunu jappartjenu lill-kommunjoni ta'l-akkwisti. M'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li din id-dispożizzjoni jistgħu jirrikorru għaliha biss persuni miżżewwġa f'kuntest ta' separazzjoni personali.

Illi dan ir-rimedju mgħoti lill-persuni miżżewwgin permezz ta'l-artikolu 876 ma ġiex introdott biex jisostitwixxi rimedji oħra disponibbli permezz ta' mandati kawtelatorji l-oħra inkluż il-mandati ta' inibizzjoni prospettati f'l-artikoli 873 u 874, imma ġie introdott bħala żieda mar-rimedji l-oħra kollha disponibbli lil kull kreditur ieħor.

Illi għandu jiġi rilevat li l-artikoli 873, 874 u 876 ma jispecifikawx f'liema Qorti għandha ssir talba għall-ħruġ tal-mandati hemm prospettati; u l-artikolu 876 jirreferi biss għall-Qorti Ċivili. Fil-verita hija il-kwistjoni prinċipali bejn il-partijiet u li minnha huma naxxenti d-drittijiet li parti tkun trid tikkawtela li tiddetermina quddiem liema qorti għandha ssir t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jew ta' kwalunkwe mandat kawtelatorju ieħor. Isewgi li talba għall-ħruġ ta' kwalunkwe mandat (kawtelatorju jew eżekuttiv) fil-kuntest ta' kawża ta' separazzjoni għandu jsir quddiem dik il-Qorti kompetenti biex tisma il-kawza ta' separazzjoni li hija l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Illi tenut kont ta' dan it-talba odjerna saret quddiem il-Qorti kompetenti u m'hemm l-ebda irritwalita.

Ikkunsidrat

<u>**It-Talba għall-Ħruġ tal-Mandat**</u>

Illi kif intqal aktar 'l fuq it-talba odjerna hija bażata fuq l-artikolu 874 tal-Kap 12. Dwar ir-rekwiżieti li għandhom jiġu sodisfatti biex jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, b'referenza għall-ġurisprudenza prevalenti in tema, esprimiet ruħha din il-

Qorti kif diversament presjeduta fil-mandat f'l-ismijiet ***Adrian Puglisevich et vs Vladimir Joseph Puglisevich***[4] :

> *15. F'każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent jeħtieġlu juri żewġ affarijiet ewlenija. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent irid juri li huwa għandu mad-daqqa t'għajn, kreditu jew pretensjoni kontra l-intimat f'ammont li huwa ogħla minn €11,646.86; u fit-tieni lok, ir-rikorrent irid jispeċifika l-ġid li huwa qiegħed jitlob li jinżamm milli jiġi trasferit;*
>
> *16. Dwar l-ewwel ħtieġa, il-liġi titlob biss li l-kreditu jew pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx inqas minn €11,646.86. F'dan is-sens, il-ġurisprudenza tgħallimna li dwar il-jedd prima facie, il-liġi fl-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta timxi biss fuq il-pretensjoni u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa (ara Avv. Etienne A. Calleja nomine et v. Peppercorn Limited et proprio et nomine deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru 2019);*
>
> *17. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' dejn jew pretensjoni hemm bżonn illi jkun hemm. Jekk id-dejn jew pretensjoni taqbeż il-€11,646.86, allura dan jitqies bħala jedd li mad-daqqa t'għajn huwa biżżejjed biex jinħareġ il-mandat (ara Alfred Testa v. Carmel sive Charles Giordmaina et, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2016);*
>
> *18. … … fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemmx bżonn li r-rikorrent juri li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara irrimedjabbli jew ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor bħal fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara Joseph Portelli v. St. John Development Limited deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju 2016). Mod ieħor, għall-finijiet ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-possibilta' waħedha li l-parti intimata tista' titħajjar tittrasferixxi, tgħabbi jew tgħaddi minn idejha xi ġid li jkun jista' jservi bħala garanzija għall-pretensjonijiet tal-parti rikorrenti kreditriċi huwa biżżejjed biex isejjes il-ħtieġa tal-mandat (ara Joseph Demicoli et noe v. Angelic Mifsud deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2016)*

Illi aktar minn hekk, u dwar l-oneru tal-prova impost fuq rikorrent f'talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dan in eżami, huwa ben stabbilit ukoll li:

[4] Degriet mgħoti fil-11 ta' Jannar 2022.

> *Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti illi tgħid jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta hijiex fondata nkella le fil-mertu. Dak l-aċċertament trid tagħmlu dik il-Qorti li sejra tittratta funditus l-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrenti u d-difiża tal-intimat u hutu kontra l-azzjoni attrici. Din il-Qorti tillimita ruħha biex tgħid illi r-rikorrenti ma kenitx legalment prekluża milli titlob il-ħruġ tal-Mandat kontra kull wieħed mis-sebat aħwa Farrugia.*
>
> *Ir-rwol ta` din il-Qorti fi proċediment speċjali bħal dak tal-lum huwa limitat f`li tistabilixxi jekk ir-rikorrenti għandhiex inkella le jedd prima facie kontra l-intimat. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawża "Grech pro et noe vs Manfre" ir-rekwiżit tal-jedd prima faċie huwa oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*[5]

Ikkunsidrat

Illi fil-każ in eżami jirrizulta ampjament li r-rikorrent għandu pretensjoni li teċċedi bil-ferm is-somma ta' €11,646.86. Din il-pretensjoni diġa ġiet konfermata permezz ta' sentenza ta' Qorti ta'l-ewwel grad, u dan kemm għal dak li jirrigwarda il-kreditu prinċipali kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-ispejjez rinkorsi fil-proċeduri sa fejn waslu s'issa. Għalhekk m'għandux jkun hemm dubbju li r-rekwiżiet tal-jedd prima *facie* jirriżulta oġġettivament.

Illi fir-realta l-intimata mhiex qed tikkontesta li r-rikorrent għandu kreditu, lanqas ma ressqet xi oġġezzjoni fir-rigward tal-valur tal-propjeta li tista' tiġi kolpita bil-mandat mitlub[6]; dak li qed tikkontesta l-intimata huwa l-ammont li r-rikorrent qed jipprova jikkawtela permezz ta' dan ir-rikors. L-intimata tallega li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni tpaċija li tallega li għanda ssir u l-ammont li hemm depożitat il-Qorti dak li ser ikun finalment dovut lir-rikorrenti huwa ferm anqas minn dik is-somma imemmija fir-rikors odjern. Pero ai fini tal-mandat mitlub u fit-termini tad-degriet fuq ċitat *mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti illi tgħid jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta hijiex fondata nkella le fil-mertu.* Fil-fatt l-ammont preċiż li huwa dovuta mill-partijiet lil xulxin, u għandhiex issir tpaċija huma kwistjonijiet li jiġu definittivament riżolti meta il-kawżi ta' bejn il-partijiet jiġu finalment deċiżi mill-Qorti ta'l-Appell li għad trid

---

[5] Degriet mgħoti fis-26 ta' Marzu 2020 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-mandat f'l-ismijiet ***Munqar Limited vs Annetto Farrugia et.***

[6] Fis-sens li mhiex qed tallega li l-valur tal-propjeta jeċċedi l-kreditu pretiż jew jeċċedi almenu dik il-parti tal-kreditu li tidher li mhiex kontestata. Fil-verita ħadd mill-partijiet m'għamel aċċenn għall-valur tal-propjeta.

tiddeċidi l-appell inċidentali tar-rikorrent permezz ta' liema qed jikkontesta l-kreditu ta' l-intimata u anke l-kap ta'l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' definittivament it-talba dedotta fir-rikors tat-18 ta' Jannar 2024. Ai fini ta'l-artikolu 874(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur ta' l-Artijiet fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa biex jirreġistraw il-mandat kif trid il-liġi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu skond kif finalment determinat mill-Qorti ta'l-Appell fil-proċeduri fuq imsemmija.

**DR DOREEN CLARKE**
**IMHALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**